MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 236/2006

**A B**
**vs**
**C D, id-Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**u l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores**
**u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati**
**biex jirrapprezentaw lill-minuri E B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet mhumiex mizzewgin; li fl-24 ta' Marzu 2006 twieled it-tifel E skond certifikat tat-twelid numru 1020/2006, anness u markat Dok.DG1; li fl-istess zmien li l-partijiet kienu johorgu flimkien, il-konvenuta kellha relazzjonijiet intimi ma' terza persuna, u li l-imsemmi minuri huwa frott ta' din ir-relazzjoni li l-konvenuta kellha ma' dan it-terz; li l-attur gie a konoxxenza ta' dan il-fatt ricentement, u cioe' wara li

huwa kien irrikonoxxa lill-minuri E bhala ibnu fuq ic-certifikat tat-twelid; li rizultat ta' test genetiku ghall-paternita' eskluda lir-rikorrenti bhala l-missier naturali tat-tifel E, kif jirrizulta mir-rapport xjentifiku anness u markat bhala Dok.DG2; ghaldaqstant l-attur qed jitlob li din il-Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-minuri E B m' huwiex il-wild naturali tar-rikorrent A B;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier l-minuri 'E' jhassar l-isem 'A B' u l-konnotati kollha tieghu u tissostitwih bil-kliem 'missier mhux maghruf' u fejn jehtieg fl-Atti l-ohra relattivi u sussegwenti.

3. Tordna li l-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu kollha mill-konvenuti, jew min minnhom, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi stante li r-rikonoxximent tal-paternita' tal-minuri sar b' azzjoni tar-rikorrent fuq l-Att tat-Twelid, ir-rikorrent irid jipprova ghas-sodisfazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li d-dikjarazzjoni li ghamel fuq l-Att tat-Twelid kienet vizzjata minn xi vizzju ta' kunsens u mhux bizzejjed il-prova bijologika li l-minuri mhux ibnu.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-esponent li

ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D li biha eccepiet li, ghalkemm huwa minnu li hija kellha relazzjonijiet intimi kemm ma’ l-attur kif ukoll ma’ terz, u hija wkoll konxja tal-kontenut tar-rapport xjentifiku, hija “b’ dan kollu ma’ ghandhiex ic-certezza li l-wild E mhux tar-rikorrent” ghaliex “hija temmen li fil-mument tal-koncepiment kellha relazzjoni ntimi biss mar-rikorrent, u kien biss wara l-mument tal-koncepiment li kellha relazzjonijiet ma’ terz.” [Fols.27-28];

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha eccepew:

Illi ghalkemm il-fatti tal-kawza mhux maghrufa jidher li kif impostata l-kawza ma tispettax lir-rikorrent B (Art. 99 Kap. 16) li wara li rrikonoxxa lil minuri E B issa qed jitlob dikjarazzjoni li E mhux wild tieghu; aktar u aktar meta mill-atti jirrizulta li mar-rikors li ghalih qed issir din it-twegiba A B ipprezenta rikors iehor fejn talab il-kura u l-kustodja ta’ l-istess minuri;

Illi jirriservaw id-dritt li jressqu aktar eccezzjonijiet hekk kif ikunu jafu bil-fatti kollha tal-kaz.

Rat ir-rapporti xjentifici tad-DNA, debitament mahlufa, prezentati, wiehed mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara id-Dottoressa Marisa Cassar [Fol.106 et seq], u l-iehor minn Dottor Renald Blundell [Fol.56 et seq.];

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel E li twieled mill-konvenuta C D fl-24 ta’ Marzu 2006 u rikonoxxut minnu fuq l-att tat-twelid numru 1020/2006, mhuwiex fil-fatt it-tifel naturali ta’ l-attur; u ghalhekk qed jitlob ukoll il-konsegwenzjali korrezzjoni fl-imsemmi att tat-twelid.

**Il-Fatti**

Illi l-partijiet kienu ilhom f’ relazzjoni ghal certu tul ta’ zmien bil-hsieb li jizzewgu. Wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sitt snin, u meta l-partijiet kienu diga’ ddecidew li jizzewgu, u anke ffissaw id-data tat-tieg, il-konvenuta C D harget tqila.

L-attrici tispjega li meta hija bidlet ix-xoghol taghha hija kienet iltaqet ma’ persuna li kien jahdem maghha, u peress li l-attur, allura l-gharus taghha, kien jahdem fuq il-bahar u l-hin bejniethom naqas, hija, ad insaputa ta’ l-attur, bdiet relazzjoni ma’ din it-terza persuna, u dawn kien ikollhom relazzjonijiet intimi fil-Hdud u fil-festi pubblici.

Eventwalment hija harget tqila, u lill-attur, li ma kienx jaf b’ it-terz, kienet tatu x’ jifhem li t-tqala kienet minn tieghu. Di fatti huwa kien jassistiha matul il-perijodu tat-tqala; u wara t-twelid tat-tarbija huwa rrikonoxxa t-tarbija bhala tieghu u kien beda jaghti lill-konvenuta xi flus bhala manteniment.

Sussegwentement meta l-attur skopra b’ din it-terza persuna, huwa ried u l-konvenuta accettat, li jsir it-test tat-DNA. Dan sar, u r-rizultanzi kkonfermaw li l-attur ma kienx il-missier naturali tat-tarbija. Wara li l-attur sar jaf bil-kontenut ta’ dan ir-rapport huwa waqaf jaghti manteniment lill-konvenuta.

Illi fid-depozizzjoni taghha l-istess konvenuta tghid li “fiz-zmien li kien hemm il-koncepiment, jiena kelli relazzjoni ma’ ragel iehor. Lil A dejjem urejtu li [it-tifel] huwa tieghu.” [Fol.88].

Illi minn naha tieghu l-attur jghid li “Meta morna biex naghmlu t-tnidijiet ghaz-zwieg, l-ufficjal qalli li jaqbel li jsir fuq kunjomi mal-ewwel. Jiena kont nemmen li t-tifel hu tieghi, u konnha ser nizzewgu dalwaqt, u kien ghalhekk li rrikonoxxejt it-tarbija.” [Fol.34]. Di fatti fl-istess affidavit jghid li hekk kif sar jaf bir-rizultat, huwa ma baqax jara lit-tifel, u l-konvenuta ma talbitux flus aktar.

Illi fil-mori tal-proceduri sar test tad-DNA iehor fl-laboratorju differenti, u r-rizultat ikkonferma dak precedent billi, wkoll, eskluda lill-attur bhala missier it-tarbija. Ghalhekk fil-fehema tal-Qorti la darba gie assodat, mir-rizultanzi xjentifici, li l-attur mhuwiex il-missier naturali tat-tarbija E, it-talbiet tieghu huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigi milqugha.

Illi rigward l-eccezzjoni sollevata mill-kuraturi deputati li “jidher li kif impostata l-kawza ma tispettax lir-rikorrent B [art.99 Kap.16] li wara li rrikonoxxa lill-minuri E B issa qed jitlob dikjarazzjoni li E mhux wild tieghu”, il-Qorti tosserva li din l-eccezzjoni ma treggix ghall-zewg ragunijiet, wahda legali u l-ohra fattwali:

[1] Illi l-artikolu precitat jghati l-fakolta’ li jattakka rikonoxximent, kemm lit-tifel, kif ukoll lil “kull min ikollu interess”; u m’ ghandu jkun hemm ebda dubju li l-attur jikwalifika bhala persuna nteressata, *multo magis* meta r-rikonoxximent da parti tieghu sar rizultat ta’ ingann ezercitat fuqu;

[2] Illi kif jinghad fil-paragrafu precedent, ghalkemm huwa minnu li l-attur irrikonoxxa lit-tifel bhala tieghu, huwa ghamel dan ghax l-konvenuta, allura gharusa tieghu, kienet hbietlu certu fatti li kienu determinanti fid-decizjoni tieghu li jirrikonoxxi t-tarbija. Fi kliem iehor, l-att tar-rikonoxximent da parti tieghu kien rizultat ta’ ingann kommess mill-konvenuta fil-konfront tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur, u tiddikjara li t-tifel E li twieled mill-konvenuta C D fl-24 ta’ Marzu 2006 mhuwiex il-wild naturali ta’ l-attur A B; u

konsegwentement tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 1020/2006 fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta C D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------